**Kwadru fis-Sagristija ta' Birkirkara**

# *GAETANO PACE FORNO*

Fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' Sant'Elena ta' din is-sena il-ħarsa tagħna se ndawruha fuq il-kwadru ta' l-Isqof Gaetano Pace Forno. Tnejn huma l-iskopijiet ta' din il-kitba. L-ewwelnett biex naraw min kien dan l-Isqof, u t-tieninett biex naraw għaliex dan l-Isqof sab ruħu mpitter f'din is-sagristija.

Dan l-Isqof kien reliġjuż Agostinjan li twieled ir-Rabat Għawdex fl-20 ta' Lulju tas-sena 1807. Twieled fi ħdan familja b'valuri insara sodi, bin l-avukat Francesco Pace u n-nobbli Luċija dei Baroni Forno minn Palermo.

Ingħaqad ma' l-Agostinjani fl-1824 u wara li għamel l-istudji tiegħu f'Malta intbagħat f'Firmo l-Italja biex ikompli l-istudji teoloġiċi tiegħu. Fit-22 ta' Settembru tas-sena 1832 ġie ordnat saċerdot f'Napli.



Wara baqa' l-Italja fejn serva f'bosta karigi importanti fi ħdan l-Ordni. Minkejja ir-responsabbiltà, baqa' jistudja u fl-1 ta' April tas-sena 1843, kiseb id-diploma tat-Tejoloġija. Waqt li kiseb dan l-unur mistħoqq kien ir-reġġent ta' l-Istudji ta' l-istudenti Agostinjani Maltin.

Ftit wara li kiseb din id-diploma s-superjuri tiegħu bagħtuh igħallem it-Tejoloġija f'Palermo iżda fl-1847 reġa' lura Malta għax ġie magħżul

Ministru Provinċjal. L-ewwel opra kbira li għamel f'din il-kariga kienet it-twaqqif ta' skola għat-tfal Maltin.

Wara li kiseb l-approvazzjoni tal-Ġeneral ta' l-Ordni u tal-Gvernatur Sir Richard More O'Farrell, Gaetano Pace Forno, fetaħ din l-iskola fil-kunvent tal-Belt, nhar it-23 ta' Awissu tas-sena 1848. Kienet opra kbira fil-qasam soċjali tal-poplu tagħna, meta fil-biċċa kbira tiegħu, lanqas kienu jafu x'inhi skola. Hu mexxa din l-iskola b'għaqal kbir ħafna. Kienet bla ebda ħlas u dam imexxiha għal numru ta' snin.

F'dawn iż-żminijiet l-Isqof ta' Malta, kien Monsinjur Publio Sant. Kien issa raġel xwejjaħ u marid. Kellu bżonn għajnuna kbira. Wara bosta pariri siewja fil-qasam ekkleżjastiku u ċivili tal-gżejjer tagħna, il-Papa Piju IX fil-25 ta' Settembru 1857, għażel lil Gaetano Pace Forno bħala Isqof koadjutur ta' Malta. Ftit jiem wara, fl-4 ta' Ottubru ġie kkonsagrat Isqof fil-knisja ta' Santu Wistin f'Ruma u fit-3 ta' Diċembru ta' l-istess sena ħa t-tmexxija tad-djoċesi f'idejh. L-edukazzjoni tal-kleru kienet l-ewwel ħidma tiegħu li wettaq fid-djoċesi. B'dan il-ħsieb f'moħħu qasam is-Seminarju, wieħed għall-kbar fil-Furjana, u ieħor għaż-żgħar fl-Imdina.

Kiseb ukoll indult apostoliku biex jagħti d-dottorat fit-Tejoloġija u fix-xjenzi. Fl-1870 irrappreżenta d-djoċesi tagħna fl-Ewwel Konċilju Vatikan.

Miet f'Lulju tas-sena 1874 u kien sarlu funeral solenni fil-knisja ta' l-Agostinjani tal-Belt.

Ismu narawh miktub fuq bosta rħamiet li jfakkru ġrajjiet importanti bħal meta ikkonsagra il-knisja tal-Mosta. Kwadri tiegħu insibuhom fis-sagristiji ta' Bormla, tal-Ħamrun, tal-Agostinjani u oħrajn fosthom fis-sagristija ta' Birkirkara.

X'qiegħed ifakkar dan il-kwadru ?

Dan sar b'sens ta' rikkonoxximent lejn dan l-Isqof għall-ħidma li wettaq biex fl-20 ta' Diċembru tas-sena 1861 il-Kapitlu ta' Birkirkara jiġi mogħti s-setgħa, li l-membri tiegħu jilbsu fuq l-abiti korali u fuq is-suttana, salib tad-deheb imżejjen bi tliet ċwievet imwaħħla fit-tarf t'isfel u fid-dirgħajn u fin-nofs, quddiem bix-xbiha mqaddsa tas-Salvatur, filwaqt li n-naħa ta' wara tkun imnaqqxa l-kuruna tax-xewk. Dan is-Salib kellu jiddendel mill-għonq għal quddiem b'lazz tal-ħarir isfar.

Il-pussess ta' dan is-Salib ġie mogħti lill-kanonċi mill-Prepostu Kalċidon Agius fit-18 ta'Jannar tas-sena 1862.

Kif rajna għalhekk il-kwadru ta' l-Isqof Gaetano Pace Forno, fis-sagristija ta' Birkirkara, qiegħed ifakkar privileġġ mogħti mis-Santa Sede lill-Kapitlu ta' din il-Kolleġġjata fis-seklu dsatax.